**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 42/2014**

**Illum: 28 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Michael Micallef**
**(ID 275757(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Michael Micallef ta' 56 sena, iben Carmel u Carmela nee` Vassallo, imwieled il-Pieta` fis-27 ta' Marzu 1957, residenti gewwa 31, Narcis, Triq il-Bumunqur, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` numru 275757(M);

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Marzu 2010 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30hrs) fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-

licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ippruva jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew igorr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanza, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta` kundizzjonata, moghtija lilu mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. nhar il-25 ta' Jannar 2010.

B'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokument esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'humiex qed jigu kkontestati, kienu s-segwenti: Nhar is-26 ta' Marzu 2010, ghall-habta tal-10.30 a.m., l-imputat odjern mar gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghmel vizta lil certu Emanuel Scerri. Qabel dahal ghall-vizta, saritlu tfittxija ta' rutina mill-Ufficjali tal-Habs ossia CO 133 Raymond Theuma u CO 104 Anthony Mizzi, waqt liema tfittxija l-istess ufficjali nnutaw lill-imputat jarmi oggett minn idu ossia bocca zghira tal-plastik li kienet tikkontjeni sustanza kannella.

Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud, mahtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, illi nhar id-29 ta' Marzu 2010, l-istess Spizjar gie moghti dokument mill-Ispettur Alexander Grech, liema dokument kien jikkonsisti fis-segwenti: Borza tal-karti li kienet issigillata li fuqha kien hemm il-kliem "26/03/10, 10.20 a.m., CCF, Michael Micallef, ID. 275757(M), Mgt. L. Quintano LL.D., 3/E/578/2010, Insp. Alex Grech". F'din il-borza kien hemm speci ta' borza zghira hafna tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm trab ta' lewn kannella. L-istess espert ikkonkluda illi fit-trab ta' lewn kannella fl-imsemmi dokument, li l-piz nett totali tieghu kien ta' 0.43 grammi, instabet is-sustanza Herojina. Il-purita` medja tat-trab il-kannella, fl-istess dokument, ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 33.5%.[1] Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-istess espert ikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu.[2]

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-24 ta' Awwissu 2013 u dan wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova u in oltre wara li nghata d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.[3] F'din l-istqarrija, l-imputat jichad li huwa kellu d-droga fil-pussess tieghu fil-jum in kwistjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat odjern qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina ossia pussess ta' droga f'tali cirkustanzi li juru li din id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, fil-waqt illi permezz tat-tieni imputazzjoni, huwa qed jigi akkuzat ukoll talli, minghajr awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal oggett projbit f'xi parti tal-konfini ta' habs.

---

[1] Ara din ir-relazzjoni a fol. 30 *et seq* tal-process.
[2] Ara x-xhieda a fol. 54 u 55 tal-process.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 59 u 60 tal-process.

Illi f'dan il-kaz, id-difiza mhijiex tikkontesta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, izda tikkontesta fl-ewwel lok, l-aggravanti tal-pussess tad-droga u dan fis-sens illi skont id-difiza, la darba jirrizulta mill-atti illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga, m'hemmx provi univoci li juru li d-droga fil-pussess tieghu kienet intiza ghal terza persuna gewwa l-habs. Fit-tieni lok u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, id-difiza ssosnti illi mhux sufficjenti illi wiehed ikollu d-droga fil-pussess tieghu sabiex jirrizultaw l-elementi li jsawru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont id-difiza, sabiex jirrizulta dan ir-reat, tehtieg il-prova li l-imputat kellu l-intenzjoni li jghaddi d-droga lil terzi.

Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat. L-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni, jghid hekk:

"*Meta xi persuna, li ma tkunx ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima, iddahhal jew tipprova ddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew iggorr jew tipprova ggorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, multa ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).*"

It-tieni sub-artikolu tal-istess artikolu, imbaghad, jghid hekk:

"*Meta l-oggett li jidhol jew li sar attentat biex jidhol f'habs kif intqal qabel ikun arma regolari kif imfisser fl-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali, jew xi sustanza espluziva kif imfisser fl-artikolu 314 tal-Kodici Kriminali, jew xi likwidu jew sustanza li tahraq jew korruziva, jew xi medicina li tkun medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew li tkun medicina li hi kontrollata b'regolamenti maghmulin taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, il-piena tkun prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux izjed minn tmintax-il xahar kemm il-darba ma jkunx hemm provduta piena oghla taht xi ligi ohra*".

F'dan il-kaz, l-imputat qed jigi akkuzat biss ai termini tal-ewwel sub-artikolu u mhux tat-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 7, minkejja illi l-oggett in kwistjoni kien droga eroina. Biss m'hemmx dubbju, anke minn qari taz-zewg sub-artikoli flimkien, illi d-droga eroina hija oggett ipprojbit fit-termini tas-sub-artikolu (1), tant illi fir-rigward ta' dik id-droga li hija meqjusa bhala medicina perikoluza taht

il-Kapitolu 101, bhal ma hija d-droga eroina, u ta' droga skedata taht il-Kapitolu 31, fost affarijiet ohrajn imsemmijin fis-sub-artikolu (2), il-ligi tirrizerva piena izjed harxa ghal ragunijiet ovvji tenut kont tan-natura tal-oggetti hemmhekk indikati. Naturalment, f'dan il-kaz, la darba l-Prosekuzzjoni illimitat ruhha ghar-reat taht is-sub-artikolu (1), f'kaz ta' htija, il-Qorti tista' tasal biss sabiex issib htija taht dan is-sub-artikolu u mhux tar-reat izjed gravi kkontemplat fis-sub-artikolu (2).

Stabbilit illi d-droga eroina hija oggett ipprojbit fit-termini tas-sub-artikolu (1), minn qari tal-ewwel parti tal-istess sub-artikolu jemergu l-elementi materjali li jsawru dan ir-reat ossia illi persuna, li ma tkunx ufficjal tal-habs jew ma tkunx impjegata fil-habs – ghaliex ghal dawn il-persuni l-ligi tirrizerva piena izjed harxa – minghajr l-awtorita` legittima, iddahhal jew tipprova ddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont l-Att. F'dan il-kaz, m'hemmx dubju u lanqas ma huwa kkontestat illi l-imputat odjern, dakinhar vizitatur, ipprova jidhol fil-habs waqt li kellu d-droga eroina fil-pussess tieghu. Il-ligi mkien ma tghid jew tispecifika illi wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat huwa li wiehed idahhal jew jipprova jdahhal droga fil-habs li tkun intiza ghal terza persuna, kif issostni l-abbli difiza. Il-fatt li wiehed idahhal jew jipprova jdahhal oggett projbit gewwa xi parti tal-habs, huwa sufficjenti sabiex jigi komplut ir-reat u dan naturalment sakemm dan l-att materjali jkun akkumpanjat mill-att formali ossia l-volontarjeta`, inkluz ghalhekk ix-xjenza, li wiehed jaghmel dan l-att. Jekk persuna, ghalkemm fil-pussess materjali tad-droga, ma tkunx konsapevoli tal-fatt illi jkollha d-droga fil-pussess taghha, allura ma tistax tinstab hatja ta' dan ir-reat. Dak li trid tipprojbixxi l-ligi huwa d-dhul jew it-tentattiv tad-dhul ta' oggetti pprojbiti gewwa l-habs. Il-ligi mkien ma tispecifika r-raguni ghal dan id-dhul, sakemm dan ma jsirx b'awtorita` legittima. F'dan il-kaz, minn imkien ma jirrizulta illi l-imputat kellu xi awtorita` legittima li jdahhal id-droga l-habs, anzi huwa twaqqaf sabiex issirlu tfittxija, f'liema tfittxija nstabet id-droga fil-pussess tieghu. Imbaghad, id-difiza stess m'hijiex tikkontesta li l-imputat kellu x-xjenza li trid il-ligi jew il-volontarjeta` li huwa jidhol bid-droga l-habs anke ghaliex il-fatti stess tal-kaz ma jhallu l-ebda dubbju dwar dan, tenut kont illi jirrizulta mill-provi illi d-droga in kwistjoni kienet originarjament f'halq l-imputat. Fil-fehma tal-Qorti, bil-fatt illi l-imputat xjentement ipprova jidhol gewwa l-habs waqt li kien fil-pussess tad-droga eroina, huwa kkommetta r-reat fit-termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, tqis illi t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

In kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, kif inghad, id-difiza tissottometti illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u li ghalhekk, tenut kont anke tal-ammont ta' droga misjuba, ma jirrizultax ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi, illi din id-droga ma kinitx intiza ghalih, izda kienet intiza ghal terza persuna.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi mir-relazzjoni tal-espert forensiku, jirrizulta illi l-ammont ta' trab li kien jikkontjeni l-eroina kellu piz ta' 0.43 grammi, ammont dan li ghalkemm anke skont ix-xhieda tal-espert forensiku jikkostitwixxi izjed minn doza wahda ta' eroina, biss ma jistax jinghad illi huwa ammont tant kbir illi normalment wiehed ma jassocjahx ma' uzu personali. Skont ix-xhieda ta' Joanne Buhagiar Fiott, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, l-imputat beda jaghmel uzu mill-eroina ta' eta` zghira, ghamel l-ewwel kuntatt mas-*Substance Misuse Unit* fis-snin 1993 u 1996 u mbaghad fis-sena 2005, mil-liema zmien huwa baqa' jiehu l-*methadone.* Huwa nstab *clean* minn sustanzi lleciti fl-14 ta' Novembru 2015. Fiz-zmien ta' din ix-xhieda ossia fi Frar 2016, l-imputat kien ghadu jiehu l-*methadone.*

Biss il-fatt li wiehed jaghmel huwa stess uzu mid-droga, ma jeskludix necessarjament illi huwa jkollu droga fil-pussess tieghu li tkun intiza ghal terzi. F'dan ir-rigward, jehtieg illi l-Qorti tezamina l-provi prodotti sabiex tqis jekk jirrizultawx dawk ic-cirkostanzi li jwassluha sal-konkluzjoni, fil-grad rikjest mil-ligi, illi d-droga fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].*"

*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li*

*droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*

F'dan il-kaz, l-imputat instab fil-pussess tad-droga eroina waqt li kien diehel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bhala vizitatur. Mix-xhieda ta' CO 133 Raymond Theuma[4] jirrizulta illi hekk kif l-imputat odjern wasal fil-*gatehouse* tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, saritlu tfittxija ta' rutina – *strip search* – u wara li nehha l-hwejjeg, huwa gie mitlub sabiex jiftah halqu, f'liema hin, skont ix-xhud, l-imputat iccassa. CO 104 jghid illi l-imputat iccassa x'hin gie mitlub id-dentatura da parti ta' CO 133 Theuma. Theuma jghid illi f'halq l-imputat dehret xi haga suspettuza mas-snien ossia bocca zghira. Jghid ukoll illi l-imputat dahhal idejh f'halqu u hareg id-dentatura u zammha maghluqa f'idejh il-leminija u mitlub jiftah idejh, huwa baqa' jtenni l-kliem – "*ara ma tkissirlix id-dentatura*". Wara li baqa' jinsisti li ma kellu xejn, l-imputat fetah is-swaba ta' jdejh, u deher oggett zghir jaqa' mal-art, liema oggett skont ix-xhud kienet il-bocca li huwa kien innota qabel f'halq l-imputat. Ix-xhud jiddeskrivi din il-bocca bhala zghira, pressata fil-plastik u ta' kulur kannella. Theuma jghid ukoll illi dakinhar l-imputat kien mar biex jara lil certu Emanuel Scerri u li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa ghamel vizita lil Scerri. Fix-xhieda tieghu, CO 104 Anthony Mizzi jghid illi "*Qabel ma qala' d-dentatura f'idejh ma kellu xejn ghax il-hwejjeg tahomlna. Pero` x'hin qala d-dentatura ghax beda jikkomplenja li ser inkissruhielu, zammha f'idejh. Imbaghad qbadnilu idejh. Idejh zammha wkoll. Imbaghad fetahha biex itajjarielna. U Theuma sabha fl-art*"[5] u dan b'referenza ghall-pakkett zghir li, fix-xhieda tieghu fil-mori tal-inkjesta, jiddeskrivih bhala "*bocca kannella daqs difer ta' subghajja z-zghir*"[6]. Jikkonferma wkoll illi l-imputat kien diehel bhala vizitatur.

Jirrizulta ghalhekk illi l-imputat kellu, dak li l-Ufficjali tal-Habs jiddeskrivu bhala bocca zghira ossia pakkett bl-eroina, f'halqu u dan hekk kif kien diehel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bhala vizitatur. Kif inghad, fit-trattazzjoni finali

---

[4] Ara x-xhieda ta' CO 133 Raymond Theuma fl-atti tal-process verbal dwar dan il-kaz (a fol. 25 u 26 tal-process) u f'dawn il-proceduri (a fol. 47 sa 51 tal-process).
[5] Ara x-xhieda ta' CO 104 Anthony Mizzi fl-atti tal-process verbal (a fol. 24 u 25 tal-process) u x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri (a fol. 67 sa 71 tal-process).
[6] A fol. 25 tal-process.

taghha, id-difiza tissottometti illi m'hemmx provi univoci li juri li tali droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat, la darba jirrizulta illi dak iz-zmien, huwa kellu l-vizzju tad-droga. Dwar dan, il-Qorti m'ghandhiex wisq xi tghid. Certament li m'huwiex verosimili jew kredibbli illi wiehed izomm id-droga ghall-uzu personali tieghu f'halqu mad-dentatura jew tahtha, anke jekk ikollu l-vizzju tad-droga, u mbaghad izjed minn hekk, jibqa' sejjer biha biex jaghmel vizita lil terza persuna gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin! Huwa evidenti illi l-imputat pogga d-droga f'halqu biss bl-intenzjoni li jahbiha u jidhol biha l-habs ghall-fini tal-vizita li kien ser jaghmel u effettivament li kieku ma ntalabx sabiex jiftah halqu u jnehhi d-dentatura, din ma kinitx tinstab. Il-fatt illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga ma jxejjinx ic-cirkostanzi li fihom huwa nstab fil-pussess tad-droga, liema cirkostanzi ma jhallux dubbju illi d-droga ma kinitx intiza ghall-uzu personali tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza datata 25 ta' Jannar 2010, li permezz taghha inghata liberazzjoni kundizzjonata. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintanto, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Sp. Dennis Theuma) vs Michael Micallef' li ggib id-data msemmija, mil-liema sentenza jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-kaz kienu identici ghal dawk tal-imputat odjern. Ghalhekk, il-Qorti hija sodisfatta illi s-sentenza in kwistjoni nghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll illi permezz tal-istess sentenza, l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar mid-data tal-istess sentenza, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. La darba r-reati odjerni sehhew fis-26 ta' Marzu 2010, dan ifisser illi gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni wkoll tirrizula ppruvata u l-Qorti ser titratta mal-imputat dwar ir-reat li tieghu nstab hati permezz tas-sentenza msemmija.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie addebitat bir-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289, huwa evidenti li din ma tirrizultax, stante illi l-kaz odjern ma jitrattax reati ta' serq. Fir-rigward tal-bqija, il-Prosekuzzjoni esebiet biss is-sentenza fuq imsemmija ossia dik li permezz taghha, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-

sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius**, fejn l-appellat f'dak il-kaz, kien ammetta *inter alia* ghall-addebitu tar-recidiva u dan fir-rigward ta' sentenza fejn kien tqieghed taht Ordni ta' *Probation*. Il-Qorti kkonkludiet illi la darba il-kaz ma kienx jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446[7], "*id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ... li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva*". Il-konsiderazzjonijiet legali ta' dik il-Qorti japplikaw bl-istess mod ghal dan il-kaz, fis-sens illi d-dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-imputat permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-25 ta' Jannar 2010, fejn l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata, ma tistax titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghal fini tar-recidiva.

Ghaldaqstant, l-addebitu tar-recidiva ma jirrizultax ippruvat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, mil-liema jirrizulta illi l-imputat gie kkundannat *inter alia* talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenza, dwar serq aggravat u hsara volontarja f'diversi okkazzjonijiet, tentattiv ta' serq u pussess ta' arma tan-nar minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll pussess ta' droga eroina ukoll f'diversi okkazzjonijiet.

Qieset ukoll in-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, l-ammont ta' droga eroina fil-pussess tieghu, kif ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz, b'mod partikolari illi din id-droga kienet intiza sabiex tiddahhal il-habs ossia post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tieghu.

Il-Qorti qed tqis ukoll ix-xhieda ta' Joanne Buhagiar Fiott dwar l-imputat, flimkien mar-rapport ta' Dr. George Grech.

---

7 Skont l-Artikolu 25(1): "Bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun, minbarra – (a) il-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tittiehed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat …".

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, b'dan illi qeghda timponi l-piena ghar-reat fl-ewwel imputazzjoni. Qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni in kwantu ser titratta mal-imputat dwar ir-reat li tieghu nstab hati permezz tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2010 ossia pussess semplici ta' droga eroina.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tar-raba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu (l-addebitu tar-recidiva), izda qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u qed tikkundannah fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ghall-piena ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900).

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, qed titratta mal-hati dwar ir-reat li tieghu nstab hati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano nhar il-25 ta' Jannar 2010 daqs li kieku ghadu kemm instab hati minn jew quddiem din il-Qorti u fil-waqt li ghal kull buon fini tikkonferma tali htija, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' tliet mitt ewro (€300).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, is-somma totali tal-multa imposta ossia elf u mitejn ewro (€1,200) tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fiz-zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk huwa jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u erbghin ewro, tnejn u sebghin centezamu (€347.72), l-ispejjez konnessi mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PC 826 Matthew

Parnis, ammontanti ghas-somma ta’ sebgha u tletin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€37.25), kif ukoll l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ Dr. Reno Borg, ammontanti ghas-somma ta’ mitejn, tnejn u disghin ewro u hames centezmi (€292.05), b’kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta’ sitt mija, sebgha u sebghin ewro u zewg centezmi (€677.02), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tnax-il xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat